Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 228/2015/1

**Dr Simon Busuttil (appellat)**

**Vs**

**Josef Caruana (appellant)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. B'sentenza tal-25 ta' Gunju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddikjarat li l-artiklu ppubblikat fil-gazzetta L-Orrizont fit-3 ta' Awissu, 2015 bit-titlu 'Busuttil sieket dwar jekk iltaqax ma' Gaffarena' hu malafamanti u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala danni.

2. B'rikors prezentat fit-13 ta' Lulju, 2018 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu li l-ewwel qorti kellha tilqa' l-eccezzjonijiet kollha u tiddikjara l-artiklu oggett tal-kawza bhala wiehed, *"… fondat fuq fatti, ahbarijiet u xi osservazzjonijiet – liema artiklu hu mistenni u oltre minn hekk, permess u mehtieg f'socjeta hielsa, u ghaldaqstant ghandu jitqies bhala wiehed li ma hux libelluz"*.

3. Fit-3 ta' Awissu, 2018 l-attur wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Fit-**3 ta' Awissu, 2015** il-gazzetta l-Orrizont ippubblikat artiklu bit-titlu *"Busuttil sieket dwar jekk iltaqax ma' Gaffarena"*. F'dak l-artiklu intqal:

> *"F'kollegament telefoniku fuq Radio 101 il-Hadd filghodu, il-Kap tal-Partit Nazzjonalista **Simon Busuttil naqas milli jikkummenta fuq il-laqgha li kellu hu b'mod personali ma' Joe Gaffarena, fejn indikalu li jekk ried li jerga' jiftah il-pompa tal-petrol li kellu f'Hal Qormi huwa kellu jaghtih dokumenti relatati mal-kaz ta' Daewoo, dan bi skop li jkisser lil John Dalli**….*
>
> *l-hmieg li ilu jisforza biex jitfa' Simon Busuttil bin-negattivita' tieghu, kollu ser jispicca wara biebu"*.

5. Ghall-qorti m'hemmx dubju li l-messagg li nghata b'dak il-kliem kien li:

   i. L-attur kellu laqa' ma' Joseph Gaffarena;

ii. L-attur qal lil Gaffarena li jekk ried li jiftah il-pompa tal-*petrol* li kellu f'Hal Qormi, kellu jaghtih dokumenti li kellhom x'jaqsmu mal-kaz tad-*Daewoo;*

iii. Id-dokumenti riedhom sabiex jaghmel hsara lil John Dalli;

6. Fiz-zmien tal-pubblikazzjoni l-attur kien persuna pubblika gialadarba kien il-Kap tal-Opposizzjoni. Ghalhekk fiz-zmien in kwistjoni kien *a very high profile political figure*. L-artiklu kien ukoll jirreferi ghal zmien meta l-attur kien Vici Kap tal-Partit Nazzjonalista. Ghalhekk kif intqal fil-kaz **Lingens v Austria** tat-8 ta' Lulju, 1986, l-attur kien *'open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance'.* Ovvjament l-artiklu inkiteb bhala kritika kontra l-attur, u fil-parti meritu tal-kawza kien qieghed jattakka r-reputazzjoni tieghu bhala ufficjal gholi tal-Partit Nazzjonalista li kien dispost ighin lil Gaffarena jirregolarizza l-izvilupp illegali sabiex ikun jista' jiftah il-pompa tal-*petrol* ghan-negozju, bil-kundizzjoni li jaghtih *damning evidence* kontra John Dalli. M'hemmx dubju li l-fatti pubblikati kienu ta' interess pubbliku.

7. Mill-provi rrizulta wkoll li fiz-zmien tal-pubblikazzjoni l-konvenut kien l-editur tal-gazzetta L-Orrizont (fol. 14), filwaqt li l-awtur kien Rodrick Zerafa li pero' m'huwiex parti fil-kawza.

8. Fit-twegiba li pprezenta l-konvenut quddiem l-ewwel qorti, argumenta li:

> *"1. Il-kitba in kwistjoni tikkontjeni fatti u ahbarijiet u xi osservazzjonijiet dwar dawn li jaqghu taht 'value judgment', li mieghu il-qarrej hu hieles li jaqbel jew ma jaqbilx".*

9. Dak li ssemma f'paragrafu 3 tas-sentenza m'huwiex *value judgment* izda fatti, li fl-artiklu gew rapportati daqslikieku kienu veri. M'huwiex kontestat li l-attur kellu laqa' ma' Joseph Gaffarena gewwa l-Kwartieri Generali tal-Parti Nazzjonalista. Madankollu l-fatti l-ohra huma kontestati u meta xehed l-attur cahadhom.

10. L-ewwel qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni li taw Joseph Gaffarena u Marco Gaffarena m'hijiex il-verita u

> *"…. hija verzjoni tal-fatti dettata mill-mibgheda illi l-istess Gaffarena ghandhom fil-konfront tar-rikorrent Dr Simon Busuttil u l-Parti Nazzjonalista li tieghu huwa kien Vici Kap dak iz-zmien, u dana peress illi kienu qed jirrifjutaw illi jagevolawh biex johorglu l-permess tal-MEPA ghall-pompa tal-petrol illi attwalment il-MEPA kienu ghalqulu ghax kien bena sular aktar minn dak lilu permess*
>
> *Il-Qorti tosserva illi, kif johrog car mix-xhieda, l-familja Gaffarena ppretendiet illi la darba hallset hafna flus lill-Partit Nazzjonalista, sahansitra*

*ammont ta' ghoxrin elf Euro ftit gimghat qabel il-laqgha, huma kienu qed jistennew li jinhargilhom il-permess illi kellhom bzonn, u talli tali permess ma harigx, huma kienu disposti illi jaghmlu allegazzjonijiet inveritjieri, anke bil-gurament.*

*Ghaldaqstant, johrog car illi l-bazi tal-artikoli meritu tal-kawza odjerna, ossija l-verzjoni tal-fatti ta' Joseph Gaffarena, ma hijiex sostanzjalment vera u, anzi, hija totalment kontradetta kemm mir-rikorrent u, aktar u aktar, minn Dr Joseph Cassar, illi kien il-persuna illi laqqa lil Joseph Gaffarena mar-rikorrent u li kien prezenti dakinhar".*

11. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ma ta l-ebda ragunijiet li jistghu jwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-ewwel qorti ma kellha qatt tasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni li taw Gaffarena ma' kinitx il-verita.

12. Din il-qorti taghmel riferenza ghall-affidavit ta' Joseph Gaffarena tat-3 ta' Awissu, 2015 u tikkonkludi li mhu xejn kredibbli dak li qal meta tqies:

   i. M'huwiex kredibbli li Dr Joseph Cassar *out of the blues* talab lil Gaffarena sabiex imur jiltaqa' mal-attur dakinhar stess fis-1.00 p.m. u, *"kien talabni sabiex niehu mieghi l-karti kollha li kelli"*. Meta xehed (seduta 16 ta' Frar, 2017) rega' qal l-istess. Gaffarena ma qalx x'suppost kienu *'l-karti kollha li kelli'* u li suppost talbu Dr Cassar. Li kieku Dr Cassar talbu jattendi ghal-laqgha u riedu jiehu dokumenti, il-probabbilta hi li kien ighidlu dwar x'hiex u mhux jaghmel dikjarazzjoni simili *in vacuo*. Dan hu ovvju u m'hemmx ghalfejn tkun avukat biex tkun tafu. Ghall-qorti lanqas mhu kredibbli li Dr Cassar kien ser jitlob lil Gaffarena biex jiltaqa' mal-attur dakinhar stess u fl-istess hin *"niehu mieghi l-karti kollha li kelli"*. Dik l-ghagla kollha ma taghmilx sens, iktar u iktar meta m'hemmx provi li Gaffarena u Dr Cassar qatt tkellmu dwar il-kaz tad-*Daewoo* u dwar dokumenti li jista' ghandu Joseph Gaffarena li setghu jinkriminaw lil terzi.

   ii. Fil-paragrafu ta' wara qal li meta mar ghal-laqgha, Dr Cassar staqsieh ghall-karti u li wiegeb, *"Jiena kont ghidtlu x'karti ried? Mhux kollox kien jaf dwar il-pompa ? Dr Cassar qalli mhux dawk il-karti ridtek iggib imma dawk li ghandek fuq John Dalli u tad-Daewoo"*. Kliem li jkompli jikkonferma dak li ntqal fil-paragrafu precedenti. Jekk Dr Cassar ried lil Gaffarena jiehu dokumenti konnessi mal-kaz tad-*Daewoo*, kien ser ighidlu.

13. Meta xehed, Joseph Gaffarena ma kienx kapaci jiftakar fejn sar l-affidavit, min kiteb l-affidavit u min kien prezenti. Dan apparti l-atteggament negattiv li addotta waqt li kien qieghed jixhed. Hekk per ezempju:

i. F'iktar minn darba waqt il-kontro-ezami beda jirrifjuta li jwiegeb ghad-domandi;
ii. Mistoqsi jekk kienx hemm haddiehor prezenti waqt li kien qed jaghmel l-affidavit, wiegeb *'Hemm miktub kollox hemm'.*

14. Xhud b'dak l-atteggament negattiv u arroganti ikun hu nnifsu qieghed jaghmel hsara lill-verzjoni li jaghti.

15. Il-qorti tosserva wkoll kif f'mument minnhom ix-xhud qal, *"... jien ghamilt 35 sena man-Nazzjonalisti. Issa llum Labour.* ***Immut ghalihom****. Ghax il-Labour onesti llum".* Kliem li jpoggu f'ombra l-kredibbilta tax-xhud. Mill-mod kif xehed hu evidenti li Joseph Gaffarena kellu *bias* qawwi ghal dak kollu li jirraprezenta l-Partit Nazzjonalista, b'mod partikolari l-attur ghaliex ma hax li ried. B'riferenza ghall-attur qal, *"Dejjem jattakkani familjari, personali, familja. Mill-pedament sa fuq. Il-familja x'tahti? Ghalfejn dejjem jattakka l-familja tieghi? Ma ghandux hu familja x'jara? Ma ghamilx zbalji mal-familja tieghu? Jien ma ghamiltx wiehed. Wiehed. Imma hu ghamel kemm ghamel*". Wara semma li l-pompa tal-*petrol* kienet ghadha maghluqa u, *"Imma mbaghad fi zmien Gonzi* ***meta lahaq Simon Busuttil mieghu, zammuli. U ma nafx ghala Simon Busuttil personali lilna, ghaliex. Familjari, ghaliex?"***. Kliem li juri l-ostilita' kbira li x-xhud ghandu fil-konfront tal-attur u li ma taghmlux xhud oggettiv.

16. Sahansitra Joseph Gaffarena qal:

> *"Dr Peter Fenech:*
>
> *Il-mistoqsija tieghi kienet, dakinhar tal-laqgha meta Dr Simon Busuttil lilek qallek fuq il-permess tal-pompa trid timxi mar-regoli, jigifieri r-regoli ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, int kont irrabjat?*
>
> *Ix-xhud:*
> *Mhux bilfors?"*

17. Mid-deposizzjoni stess ta' Joseph Gaffarena hu evidenti li kien hu li talab ghal-laqgha mal-attur, ovvjament sabiex jiddiskuti l-pompa tal-*petrol* ta' Hal Qormi li ma setax jiftah ghan-negozju ghaliex kif iddikjara hu stess, kien bena sular zejjed li ma kienx inkluz fil-permess ta' zvilupp.

18. Xhud iehor kien Marco Gaffarena, iben Joseph Gaffarena li fit-3 ta' Awissu, 2015 kien ukoll ghamel affidavit. L-attur u Dr Joseph Cassar qalu li Marco Gaffarena ma kienx prezenti fil-laqgha. L-ewwel qorti kkonkludiet li Marco Gaffarena ma kienx prezenti;

> *"... filwaqt illi Joseph Gaffarena viva voce jikkontendi illi huma dahlu gewwa karma fejn kien hem mejda kbira u ltaqghu madwar mejda, Marco*

*Gaffarena, illi allegatament kien prezenti ghall-istess laqgha, viva voce jghid illi huma dahlu u qaghdu bil-qeghda fuq sufanijiet u l-laqgha saret madwar sufanijiet u, meta Marco Gaffarena kien konfrontat mill-fatt illi missieru qal li ltaqghu madwar mejda, huwa pprova jsalva l-posizzjoni tieghu billi jghid illi kien hem mejda bejn is-sufanijiet".*

19. Il-qorti tinnota kif per ezempju Joseph Gaffarena xehed li kien hu li qabad u telaq 'il barra mill-ufficcju, filwaqt li Marco Gaffarena xehed li kien l-attur li waqqaf il-laqgha.

20. Waqt l-appell il-konvenut ressaq lil Mark Cassar bhal xhud li qal li nzerta li kien prezenti fir-reception meta ra lil Joseph u Mark Gaffarena telghin fuq. Il-qorti semghet lix-xhud *viva voce*, li qal li dan kien xi gimaghtejn qabel l-elezzjoni tas-sena 2013. Pero' Joseph Gaffarena qal iltaqa' mal-attur xi hames xhur qabel l-elezzjoni. Inoltre, il-qorti ssibha ferm difficli temmen dak li rrakkonta meta per ezempju tikkunsidra li x-xhud qal li:

    i. Il-bieb ta' barra tal-*headquarters* kien maghluq u qaghad jistenna fuq barra, kif ukoll li *"Dakinhar id-dar centrali, nies ma kienx hemm"*. Il-qorti hi tal-fehma li dan mhux kredibbli meta tqies li kien ftit qabel l-elezzjoni generali meta l-partiti politici l-kbar ikunu *in full swing* ghaddejjin bil-kampanja elettorali.

    ii. *"Ma jidhirlix li gejt akkumpanjat meta jien gejt mitlub biex nitla' fuq ha niltaqa' ma' Dr Busuttil. Kull ma qalli din il-persuna itla' biss"*. Il-qorti ssibha ferm difficli temmen li Cassar tela' wahdu fuq minghajr hadd ma jakkumpanjah.

21. Il-verzjoni ta' Dr Joseph Cassar (seduta 7 ta' April, 2006 u 20 ta' Novembru, 2017) tgiddeb ghal kollox il-verzjoni li taw Gaffarena, fis-sens li mhux veru li Dr Cassar kien talab lil Gaffarena sabiex:

    i. Imur jiltaqa' dakinhar stess mal-attur fil-Kwartieri Generali tal-Partit Nazzjonalista;
    ii. Jiehu mieghu dokumenti.

22. Il-qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni li ta Gaffarena u l-affidavit li ghamel fit-3 ta' Awwissu 2015, m'huma xejn ghajr montatura shiha, li l-gazzetti l-Orrizont u t-Torca accettaw daqslikieku kienet il-verita assoluta. Hawn kien l-izball fatali tal-editur. F'dan il-kaz m'hemmx prova li l-gazzetta ghamlet stharrig serju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm bazi ghal dik l-istorja, dan iktar u iktar meta kien ovvju li Gaffarena kien irrabjat ghall-Partit Nazzjonalista minhabba l-pompa tal-*petrol* ta' Hal Qormi li ma setax jopera minkejja li jsostni li kien benefattur tal-istess parti ghal hafna snin. Hu evidenti li kull ma sar kienet telefonata mill-konvenut ta' malajr lil Gaffarena.

23. Gialadarba l-awtur u l-editur ghogbhom iqiesu l-fatti dikjarati minn Gaffarena bhala l-verita' assoluta u meta tqies dak li ser jinghad iktar 'il quddiem, il-konvenut ma jistax jahrab mir-responsabbilta' billi jghid li dak kien kliem li qalu haddiehor u li sempliciment kien qieghed jirrapporta ahbar ta' interess pubbliku. L-artiklu jaghti lill-qarrej x'jifhem li verita' wahda tezisti, dik il-parti tal-artiklu riprodotta hawn fuq. F'dak iz-zmien il-familja Gaffarena kienet fl-ahbarijiet kemm fir-rigward tal-pompa tal-*petrol* li ghandhom Hal Qormi u wkoll b'riferenza ghall-esproprijazzjoni ta' parti minn binja fi Triq Zekka, il-Belt Valletta. Hu evidenti li l-*media* tal-Partit Laburista uzaw l-istorja ta' Gaffarena biex jirribattu ghall-kritika harxa li kienet qeghda ssir mill-Partit Nazzjonalista, immexxi mill-attur, fir-rigward tal-kazijiet ta' Gaffarena.

24. Fir-rikors tal-appell, il-konvenut argumenta:

> *"10. Ghalhekk dak li gie ppubblikat gie kkonfermat bil-gurament fil-Qorti. L-appellat ma jaqbilx u jghid li l-affarijiet ma sehhewx kif sostnew il-familja Gaffarena. Il-fatt li l-appellanti gabu dawn il-fatti ghall-pubbliku ma seta' kien qatt malafamanti jew libelluz* ***ghaliex fl-ahhar mill-ahhar jispetta mbaghad ghall-qarrej li jaghmel il-value judgement tieghu u jaghzel hu lil min ghandu jemmen****".*

25. Pero' dak l-ezercizzju jkun jista' jsir fejn il-gazzetta taghti zewg verzjonijiet. Haga li f'dan il-kaz ma saritx.

26. F'sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Fuchsmann v Germany** (Applikazzjoni numru: 71233/13) tad-19 ta' Ottubru, 2017 il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, osservat:

> *"42. As regards the method of obtaining the information and its veracity, the Court reiterates that Article 10 of the Convention does not guarantee wholly unrestricted freedom of expression, even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of that provision, freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern.* ***By reason of these "duties and responsibilities", the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of public interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism*** *(see, for example, Fressoz and Roire v. France [GC], no. 29183/95, § 54, ECHR 1999-I, and Pedersen and Baadsgaard v. Denmark [GC], no. 49017/99, § 78, ECHR 2004-XI).*
>
> *43. Moreover, those "duties and responsibilities" are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the*

*nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 78).* ***The latter issue must be determined in the light of the situation as it presented itself to the newspaper at the material time*** *(see Bladet Tromsø and Stensaas v. Norway [GC], no. 21980/93, § 66, ECHR 1999-III) and requires, in turn, consideration of other elements such as the* ***authority of the source, whether the newspaper had conducted a reasonable amount of research before publication*** *(see Prager and Oberschlick v. Austria, 26 April 1995, § 37, Series A no. 313) and whether the newspaper gave the persons defamed the opportunity to defend themselves (Bergens Tidende and Others v. Norway, no. 26132/95, § 58, ECHR 2000-IV).*

*44. The Court has previously held that the press should normally be entitled, when contributing to public debate on matters of legitimate concern, to rely on the contents of official reports (see Bladet Tromsø and Stensaas, cited above, § 68) or on information provided by a press officer at the public prosecutor's office (see Axel Springer AG, cited above, § 105) without having to undertake independent research.*

*45. The Court observes that the main source for the statements regarding the applicant was an internal FBI report and not an officially published report or a public statement to the press by a public official. However, the Court also notes that the Court of Appeal examined the factual foundation for the statements at issue in detail and concluded that the information in the FBI report was corroborated by reports of several other law-enforcement agencies, as well as submissions by the applicant himself (see paragraphs 17 and 18 above). Consequently, the Court of Appeal concluded that the journalist had based his articles on sufficiently credible sources. Only with regard to the statement that the applicant had been barred from entering the United States did the Court of Appeal find that there was insufficient factual basis and issued a prohibitive injunction.*

*46. The Court sees no reasons to call the Court of Appeal's conclusion into question and agrees that there was a sufficient factual basis for the remaining statements at issue.*

*47. The Court further notes that the Court of Appeal established that the journalist had contacted the applicant before the publication of the article. It agrees with the Court of Appeal's conclusion that the journalist had fully complied with his journalistic "duties and responsibilities".*

27. M'hemmx prova li qabel il-pubblikazzjoni tal-artiklu in kwistjoni, per ezempju sar tentattiv sabiex il-konvenut ikellem lit-tabib Cassar biex jara x'ghandu xi jghid. Kull m'hemm kien fl-artiklu pubblikat fil-gazzetta t-Torċa tat-2 ta' Awwissu, 2015 li, *"Mitlub ilbierah jikkonferma wkoll mit-TORCA jekk tali laqgha lejliet l-Elezzjoni Generali kinitx saret jew le u jekk iva x'kien diskuss, fi ftit kliem kelliem ghall-PN spjega xort'ohra. 'Joe Gaffarena kien talab lil Simon Busuttil biex jinhariglu l-permess ghall-pompa tal-petrol illegali f'Hal Qormi. It-twegiba kienet fin-negattiv. Madankollu, il-permess li ntalab dakinhar inhareg ftit jiem biss wara li Joseph Muscat sar Prim Ministru' ".* M'hemmx aċċenn għal dan fl-artiklu oggett ta' din il-kawza, minkejja li l-editur kien l-istess. Anzi

ssemma li fi programm imxandar fuq Radio 101, l-attur kien naqas milli jikkummenta. It-titlu stess tal-artiklu jaqra, "***Busuttil sieket** dwar jekk iltaqax ma' Gaffarena*". Dan meta kif jirrizulta mill-artiklu tat-2 ta' Awwissu, 2015 kelliem ghall-Partit Nazzjonalista kien diga' ghamilha cara li kienet saret laqgha bejn l-attur u Gaffarena u li matul dik il-laqgha Gaffarena kien talab biex ikun jista' jiftah il-pompa tal-*petrol* fejn kien hemm bini illegali.

28. Il-konvenut lanqas ma ta prova tad-domanda jew domandi li saru lill-attur qabel il-pubblikazzjoni, jekk saru bil-miktub. Kull m'hemm hi riferenza fl-artiklu tat-Torca li kien mitlub ighid jekk saritx laqgha ma' Gaffarena u x'kien diskuss.

29. Il-qorti hi tal-fehma li l-gurnalist u l-editur ma mxewx b'mod professjonali u diligenti. Qaghadu fuq il-kelma ta' Gaffarena, u daqshekk minghajr ma kkunsidraw kienx qieghed ighid il-verita. Il-gurnalizmu investigattiv m'huwiex biss li tikseb taghrif minghand terzi, u l-gurnalist ghandu dmir li jistaqsi u jikkunsidra kemm is-sors qed ighid il-verita.

30. Hu evidenti li dak li qal Gaffarena nizel ghasel ghaliex kienet ghodda sabiex jattakkaw lill-attur li kien tant qieghed jikkritika lill-Partit Laburista proprju minhabba Gaffarena. Dan wassal ghal sitwazzjoni fejn ma sarx ezercizzju ta' *fact checking* serju u kull ma qal Gaffarena ittiehed bhala l-verita' u gie *endorsed*. L-aqwa prova ta' dan hu l-kontenut tal-istess artikli.

31. Il-qorti tosserva wkoll kif fil-kawza 227/2015, li ser tigi deciza llum, il-konvenut xehed li tkellem ma' Gaffarena permezz tat-telefon. Persuna tal-esperjenza tal-konvenut fil-qasam tal-gurnalizmu kellu jipprocedi b'hafna iktar kawtela, iktar u iktar meta jikkunsidra li l-persuna li ghamlet dawk l-akkuzi ma kinitx xi awtorita u kellha *grudge* evidenti kontra l-attur, li f'dak iz-zmien kien qieghed kontinwament isemmih f'diskorsi pubblici bhala persuna li kienet qeghda tgawdi minn favuri kbar taht il-Gvern Laburista. Dan kien kaz ovvju fejn il-gurnalist u l-editur kellhom bzonn jaghmlu ricerka professjonali u diligenti qabel ma jiehdu l-posizzjoni ta' Gaffarena, kif ukoll jqiesu b'serjeta dak li rrakkonta Gaffarena. Diskursata ta' ftit minuti bit-telefon ma kinitx bizzejjed.

32. Fil-kawza 227/2015 l-konvenut xehed:

> *"Meta dahlu, li qalli Joe Gaffarena wkoll illi meta cempillu Joe Cassar qallu –* ***'gib il-karti kollha mieghek', minghajr ma specifika.*** *U skont kliem Joe Gaffarena hu kien qed jahseb li ghall-karti tal-pompa tal-petrol li dak iz-zmien kienet maghluqa, ghal fatt illi waqfulu l-permess mill-MEPA dak iz-zmien minhabba irregolaritajiet li hemm fl-istruttura. U Joe Gaffarena ma ha xejn mieghu karti".*

33. Il-qorti ma tistax taccetta li l-konvenut seta' jemmen haga bhal dik meta skont il-verzjoni li tah Gaffarena:

i. Kien Dr Cassar li talab lil Gaffarena sabiex imur ghal-laqgha.

ii. Dr Cassar ma qalx lil Gaffarena x'dokumenti kellu jiehu mieghu. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li minn dak li xehed il-konvenut, ma jirrizultax li Gaffarena qal lill-konvenut li kien iddiskuta l-kaz tad-*Daewoo* ma' Dr Cassar u li qatt qallu li kellu xi dokumenti li jinkriminaw lil John Dalli.

34. Gurnalist li kellu l-interess tal-verita' kellu jinduna li l-verzjoni ta' Gaffarena tintenn *from the outset* u li ma kienx il-haruf li gie mpingi li hu. Il-logika wahedha kellha twassal biex il-konvenut jistaqsi, kif Gaffarena jista' jitwemmen li Dr Cassar qabad u cempillu u talbu ghal dokumenti relatati ma' kaz li kien gara ghoxrin sena[1] qabel minghajr ma semmielu x'dokumenti kien qieghed jirreferi ghalihom? Jirrizulta wkoll li l-konvenut lanqas biss indenja ruhu jkellem lil Marco Gaffarena, li skont Joseph Gaffarena kien akkumpanjah ghal-laqgha. B'hekk kien ikun ukoll f'posizzjoni li jikkontrolla l-verzjoni li tah Joseph Gaffarena.

35. Il-qorti tosserva wkoll kif fl-artiklu tat-Torca tat-2 ta' Awwissu 2015 (oggett tal-kawza 227/2015) inkiteb li Joseph Gaffarena ma tax dettalji dwar il-laqgha li kienet saret. Fil-fatt kien rapportat li, *"Ikkuntatjat bit-telefown minn din il-gazzetta lbierah,* ***in-negozjant Joe Gaffarena la cahad u lanqas ried jikkonferma li kien mitlub mill-Ministru Joe Cassar biex imur id-Dar Centrali fl-ahhar tal-2012 fejn kellu jkellmu l-Vici Kap Simon Busuttil u li kien talbu jiehu mieghu 'l-karti kollha li kellu'"***. Pero' mhux l-istess xehed il-konvenut fil-kawza 227/2015 (fol. 32-35) fejn spjega x'irrakkontalu Gaffarena dwar il-laqgha. Hekk per ezempju:

> *"Meta dahlu, li qalli Joe Gaffarena wkoll illi meta cempillu Joe Cassar qallu 'gib il-karti kollha mieghek', minghajr ma specifika. U skont kliem Joe Gaffarena hu kien qed jahseb li ghall-karti tal-pompa tal-petrol li dak iz-zmien kienet maghluqa, ghall-fatt illi waqqfulu l-permess mill-MEPA dak iz-zmien minhabba irregolaritajiet li hemm fl-istruttura. U Joe Gaffarena ma ha xejn mieghu karti"*.

36. Jidher ghalhekk li wkoll f'dan ir-rigward hemm inkonsistenza bejn dak li ppubblikat il-gazzetta it-Torca (meritu tal-kawza 227/2015) u l-verzjoni li ta l-konvenut f'dik il-kawza. Ma nghatat l-ebda gustifikazzjoni ghad-diskrepanza.

37. Il-qorti tasal biex tghid li l-indikazzjoni hi li s-sors li ssemma fl-istess artiklu ma kien hadd ghajr Joseph Gaffarena. Hekk biss il-qorti tista' tispjega d-diskrepanza cara bejn dak li xehed il-konvenut u dak li nkiteb fl-artiklu tat-2 ta' Awissu, 2015 dwar x'qal Gaffarena.

[1] Skont kif rapportat fil-gazzetta it-Torca fit-2 ta' Awwissu 2015.

38. Il-qorti zzid li fl-artiklu oggett ta' din il-kawza, lanqas m'hemm x'jaghti lill-qarrej x'jifhem li kien qieghed jigi kkwotat Gaffarena. Rilevanti wkoll li l-pubblikazzjoni saret f'zewg gazzetti popolari f'Malta u ghalhekk l-ahbar tqassmet lil kwantita' konsiderevoli ta' nies.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.